# *L-Att tal-Kunsens għal Trattament Mediku u Kura Palljativa 1995*

*(Consent to Medical Treatment and Palliative Act 1995)*

***X'inhi din?***

Din hija liġi, li għaddiet fis-South Australia fl-1995, li tintitolak li jkollok id-dritt li t-tabib tiegħek jispjegalek b'mod ċar il-kundizzjoni medika tiegħek u l-jedd li tagħżel il-kura medika tiegħek.

- Tista' tirrifjuta kura medika jekk ma tridhiex.
- Tista' taħtar persuna oħra sabiex topera għan-nom tiegħek meta inti ma tistax tieħu d-deċiżjonijiet inti stess.
- Inti tista' wkoll tikteb x'kura medika trid jew ma tixtieqx fil-każ li inti tkun marid/a b'marda inkurabbli u ma tkunx f'pożizzjoni li tieħu dawn id-deċiżjonijiet f'xi ħin fil-futur.
- Inti trid tkun għalaqt it-18-il sena biex tkun tista' tagħmel dan.

***Min jista' jopera għan-nom tiegħi?***

Il-persuna magħżula sabiex taħdem għan-nom tiegħek huwa/hija magħruf/a bħala "aġent mediku" u d-dokument, li jagħti lil dik il-persuna awtorità huwa magħruf bħala "Prokura Medika".

Soltu jingħażel xi ħadd qrib tiegħek, per eżempju s-sieħeb jew is-sieħba tiegħek, ibnek, bintek jew ħabib/a li tafda – u li jkunu għalqu it-18-il-sena.

Il-persuna magħżula ma tistax tkun professjonista tas-saħħa li qiegħda titħallas sabiex tieħu ħsiebek.

Jista' jkun hemm aktar minn aġent/a mediku/a wieħed/da maħtur/a, iżda persuna waħda biss f'kull ħin tista' topera għan-nom tiegħek.

Aġenti Mediċi jistgħu jgħidu "iva" jew "le" għal xi kura, iżda ma' jistgħux:

- Jirrifjutaw ikel u ilma għan-nom tiegħek
- Jirrifjutaw drogi jew mediċini li istgħu jtaffulek l-uġigħ jew dwejjaq
- Jirrifjutaw kura li tista' ttejjiblek il-kundizzjoni tiegħek tant li tkun tista' tieħu deċiżjonijiet waħdek.

**Kif tagħmel biex taħtar 'Aġent Mediku'?**

Ikollok bżonn timla formola ta' **Prokura Medika**. Tista' tikseb waħda mingħand it-tabib tiegħek. Jekk ma jkollux kopja, tista' tikseb formola mingħand l-organizazzjonijiet li għandek issib fuq il-warrani ta' dan il-fuljett.

Ftakar li għandek tiddiskuti dan mal-persuna jew persuni li inti tixtieq taħtar bħala **Agent/i Mediku/ċi** tiegħek.

**Tista' tikteb ix-xewqat tiegħek minflok taħtar aġent mediku?**

Iva. F'dan il-każ ikollok bżonn timla formola **Direzzjoni Antiċipatorja** (*Anticipatory Direction*). Fiha tista' tniżżel il-medikazzjonijiet li tkun tixtieq, jew dawk li ma tkunx tixtieqhom f'każ li fil-futur issib ruħek fl-aħħar fażi ta' marda terminali, jew tkun fi stat veġitali (fejn ikun hemm ħsara permanenti fil-moħħ, iżda tkun għadek tista' tieħu n-nifs u tiekol).

Ikun pass għaqli jekk tiddiskuti dan ma' persuni qrib tal-familja, jew it-tabib tiegħek. Dawn il-persuni għandhom ikunu jafu li inti ħadt din id-direzzjoni, sabiex din tkun irrispettata f'xi ħin meta tkun marid serjament.

***Xhud awtorizzat għandu jiffirma dawn iż-żewġ formoli.***

**X'jiġri jekk jerġa' jibdieli?**

Jekk inti tkun ħtart **Aġent Mediku** jew għamilt **Direzzjoni Antiċipatorja**, inti tista' tibdel jew tikkanċella id-dokumenti f'kull ħin.

Inti u l-Aġent Mediku tiegħek għandkom tiktbu d-data u tiffirmaw kull kopja tal-formola/i jekk inti tibdel xi deċiżjoni jew xewqa tiegħek, u teqred kull kopja jew tikkanċellaha.

**Kif ikun jaf il-persunal mediku jekk inti għandekx Aġent Mediku jew Direzzjoni Antiċipatorja ?**

Inti tista' tagħti kopji lit-tabib tiegħek u lill-persuni qrib tal-familja u żżomm kopja fuqek fil-kartiera jew portmoni. Jeħtieġlek ukoll li żżomm l-formola/i oriġinali f'post żgur.

Inti tista' tagħżel li tirreġistra ma' *Medic Alert* li jagħtuk il-faċilità li tirrekordja l-ismijiet ta' l-Aġent/i Mediku/ċi u kull **Direzzjoni Antiċipatorja** tiegħek.

**Inti Għandek id-dritt li jkollok sehem u turi l-opinjoni tiegħek fil-kura medika tiegħek.**

Inħobbu kemm inħobbu l-ħajja u f'saħħitna kemm aħna f'saħħitna, aħna lkoll se mmutu xi darba jew oħra.

Il-biċċa l-kbira minna nixtiequ li jkollna sehem fid-deċiżjoni ta' kif immutu u ċertament irridu li nkunu nafu fiex aħna meta tidħol il-kura medika.

Skond il-liġi, aħna għandna ċerti drittijiet u t-tobba għandhom ċerti responsabbilitajiet.

Ħafna minn dawn id-drittijiet u responsabbilitajiet huma ppreżentati f'liġi magħrufa bħala l-**Att tal-*Kunsens għal Trattament Mediku u Kura Palljativa 1995.***

***Aktar informazzjoni u formoli***

Inti, it-tabib tiegħek jew nies oħra li magħhom tiddiskuti dawn l-affaijiet, jistgħu jiksbu dawn iż-żewġ formoli minn dawn il-lokalitajiet:

**Il-Kunsill ta' Kura Palljattiva tas-South Australia**
(The Palliative Care Council of South Australia)
202 Greenhill Road Eastwood
Telefon: (08) 8291 4137
www.pallcare.asn.au

**Dipartiment tas-Saħħa**
(Department of Health)
CitiCentre Building, 11 Hindmarsh Square
Adelaide
www.health.sa.gov.au/consent

**Servizz SA** (*Service SA*)
Telefon: 13 23 24
www.service.sa.gov.au

**Uffiċċju ta' l-Avukat Pubbliku**
(*Office of the Public Advocate)*
ABC Building
85 North East Road Collinswood
Telefon: (08) 8269 7575
Telefon b'Xejn: 1800 066 969
www.opa.sa.gov.au

**Reġistrazzjoni ta' Aġenti Mediċi u Direzzjonijiet Antiċipatorji:**
**Australian Medic Alert Foundation**
*(Registration of Medical Agents and Anticipatory Directions:*
*Australian Medic Alert Foundation)*
216 Greenhill Road Eastwood
Telefon: (08) 8274 0361
Telefon b'Xejn: 1800 882 222

Din l-ispjegazzjoni ma tkoprix l-aspetti kollha ta' *l-Att tal-Kunsens għal Trattament Mediku u Kura Palljativa 1995. Dan għandu jservi bħala gwida ta' informazzjoni.*

*Rivedut Jannar 2006*

*Spjegazzjoni ta'*

# *l-Att tal-Kunsens għal Trattament Mediku u Kura Palljativa 1995*